MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 142/1992/1

Carmela Portelli,
illi b'degriet tad-19 ta' Frar 1993 jiżdied
il-kliem "f'isimha proprju kif ukoll bħala
prokuratur ta' ħuha imsiefer Romano; u
b'degriet tat-12 ta' Mejju, 2009 Saviour
Sultana fil-kwalita' tiegħu ta' prokuratur
Tal-imsiefer Salvator Victor Sultana bi
Prokura speċjali tat-28 ta' Jannar 2009
dokument SS 12, ġie awtorizzat li jassumi
l-atti ta' din il-kawża flok il-mejjet missieru
Romano Sultana;

Francis Sultana,
Illi b'degriet tad-19 ta' Frar 1993 jiżdied Il-kliem
"f'ismu proprju u kif ukoll bħala prokuratur ta' ħutu
Imsiefra Andrew Sultana u Carmela Sultana"; u illi
B'degriet tad-19 ta' Frar, 1993 wkoll jiżdied l-isem
"Angela mart Frances Xerri
F'isimha proprju u kif ukoll bħala prokuratriċi
Ta' ħutha imsiefra Peter Paul Sultana,

Anthony Sultana, Mary armla ta' Gregory Camilleri u
Concetta sive Connie mart Saviour sive Sam Grech
Kif ukoll tal-istess imsiefer Saviour sive Sam Grech;

Coronato Sultana,
U b'degriet tal-4 ta' Mejju, 2002 il-ġudizzju ġie
Trasfuż f'isem Salvu, f'ismu proprju kif ukoll
Bħala prokuratur ta' oħtu imsiefra Grace mart
Peter Buttigieg, nominat bi prokura tad-29 ta'
Awissu, 2000, Paul, Manwel, John, u Mary mart
Manwel Zammit, u b'degriet tal-11 ta' Mejju 2006,
Rita mart Frank Borg, ġiet awtoriżżata li tassumi
l-atti tal-kawża minflok ommha Mary mart
Emanuel Zammit; aħwa Sultana, minflok Coronato
Sultana li miet fil-mori tal-kawża;

Pawlu u Maria Sultana,
U b'degriet tat-8 ta' frar, 2002, il-ġudizzju ġie
Trasfuż f'isem Manwel Zammit minflok Maria
Sultana li mietet fil-mori tal-kawża.

vs

Carmela armla Sultana,

L-avukat Dottor Michael Caruana, li
B'degriet tal-11 ta' Diċembru 1992 ġie nominat
Kuratur Deputat biex jirrappreżenta lill-imsiefra
Francis, Peter u Anthony aħwa Grech, u b'nota tal-
14 ta' Jannar, 1999, Emmanuela Mifsud u assumiet
l-atti tal-kawża bħala prokuratriċi tal-assenti Peter Grech
bin il-mejtin Joseph Grech u Rosaria nee' Sultana, kif
debitament awtorizzata permezz tal-anness prokura
markata Dokument EM 1, minflok il-kuratur
Dottor Michael Caruana LL.D.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi fil-25 ta' Ottubru 1927 miet intestat Salvu Sultana, missier u nannu rispettivament tal-atturi; u wirtuh ab intestato t-tmien uliedu: Coronato, Romano, Maria, Carmela Portelli, Pawlu, Joseph, Michele u Lucia Rosaria Grech;

Illi fl-14 ta' Settembru 1963 mietet Angela armla tal-imsemmi Salvu Sultana, b'testment tal-21 ta' Marzu 1958 atti Nutar Giuseppe Cauchi, li bih wara li ħalliet xi legati nnominat lill-istess tmien uliedu fuq imsemmija bħala eredi universali tagħha fi kwoti indaqs bejniethom;

Illi fl-10 ta' Diċembru 1969 miet Michele Sultana, r-raġel tal-konvenuta, li miet bla tfal u ħalla eredi lill-istess martu l-konvenuta;

Illi fid-29 ta' Marzu 1983 mietet l-Awstralja, Lucia Rosaria mart Joseph Grech u ħalliet bħala eredi tagħha ex lege lill-ħames uliedha: Mary mart Anthony Sultana, Franz, Saviour, Peter Paul u Anthony, aħwa Grech, f'porzjonijiet indaqs bejniethom;

Illi fis-6 ta' Jannar 1992 miet Joseph Sultana u ħalla eredi ex lege lit-tmien uliedu, l-atturi : Francis, Angela mart Francis Xerri, Peter Paul Sultana, Mary armla ta' Gregory Camilleri, Andrew Sultana, Carmela xebba Sultana, Concetta sive Connie Grech, u Anthony Sultana;

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu jippossedu aktar in komun benjiethom u flimkien mal-konvenuti l-beni lilhom deivanti mill-eredditajiet fuq imsemmija.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn il-konjuġi Salvu Sultana u Angela Sultana;

2. għaliex dan l-assi konjugali hekk likwidat ma għandux jiġi diviż f'żewġ porzjoni kull wieħed lill-assi ereditarju ta' Salvu Sultana u dak ta' Anhgela Sultana;

3. għaliex ma għandux jiġi likwidat l-assi ereditarju ta' l-imsemmi Salvu Sultana billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-assi konjugali, kif likwidat u dawk il-beni parafernali li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

4. għaliex dan l-assi ereditarju ta' Salvu Sultana hekk likwidat ma għandux jiġi diviż fi tmien porzjonijiet ugwali u assenjati porzjon kull wieħed lill-atturi Coronato Sultana, Pawlu Sultana, Carmela Portelli, u Maria xebba Sultana, porzjon lil Carmela Portelli bħala prokuratriċi ta' Romano Sultana, porzjon lill-konvenuta Carmela armla Sultana, bħala unika eredi universali ta' żewġha Michele Sultana, porzjon lill-atturi Francis, Angela Xerri, Peter Paul, Mary Camilleri, Andrew, Carmela, Connie Grech u Anthony aħwa Sultana in rappreżentanza tal-mejjet missierhom, Giuseppe Sultana, u porzjon oħra lil Mary mart Anthony Sultana, Francis, Saviour, Peter Paul u Anthony aħwa Grech, in rappreżentanza tal-mejta ommhom, Lucia Rosaria mart Joseph Grech;

5. għaliex ma għandux jiġi likwidat l-assi ereditarju ta' Angela Sultana, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-assi konjugali kif likwidat u f'dawk il-beni parafernali li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

6. għaliex dan l-assi ereditarju ta' Angela Sultana, hekk likwidat ma għandux jiġi diviż diviż fi tmien porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati porzjon kull wieħed kif intqal fuq ċioe' porzjon kull wieħed lill-atturi Coronato Sultana, Pawlu Sultana, Carmela Portelli u Maria Portelli, u porzjon lil Romano Sultana, porzjon lill-konvenuta bħala eredi ta' żewġha, Michele Sultana, porzjon lit-tmien atturi aħwa Sultana fuq imsemmija ulied il-mejjet Joseph Sultana u porzjon oħra lil ħames aħwa Grech ulied il-mejta Lucia Rosaria mart Joseph Grech;

7. għaliex din il-likwidazzjoni u diviżjoni ma għandhiex issir permezz ta' periti nominandi;

8. għaliex ma għandux jiġi nominat Nutar biex jippubblika l-att opportun ta' likwidazzjoni u diviżjoni u

kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż u l-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Carmela Portelli.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Carmena Sultana li eċċepiet illi:

1. Preliminarjament in-nullita’ taċ-ċitazzjoni billi din ġiet ippreżentata f’Qorti li ma teżistix.

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-jeddijiet kollha tagħha l-eċċipjenti ma topponix għat-talbiet attriċi purchè’ l-ewwel isiru l-verifiki tal-assi in diviżjoni u tal-kwoti rispettivi tal-partijiet u jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet testamentarji partikolarment il-legati ordnati fit-testmenti imsemmija.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuta kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine l-avukat Dottor Michael Caruana li eċċepixxa illi:

1. illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża, u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Frar 1993 fejn innominat lill-A.I.C. Godfrey Vella Baldacchino bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku ppreżentata fil-25 ta' Frar 2000 u minnu maħlufa fis-16 ta' Gunju 2000.

Rat id-digriet tagħha ta' l-11 ta' Novembru 2003 fejn innominat lill-A.IC. Joseph Mizzi sabiex "*jipprepara pjan ta' qasma mingħajr ma jħalli isħma indiviżi sa fejn possibbli*."

Rat ir-relazzjoni ta' dan il-perit tekniku ppreżentata fit-12 ta' Novembru 2004 u minnu maħlufa fis-16 ta' Frar 2007.

Rat il-verbal tagħha ta' l-20 ta' Mejju 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jenħtieġ li tiġi ttrattata eċċezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenuta Carmela Sultana dwar in-nullita' taċ-ċitazzjoni. Hija qed tallega li din hija nulla għax intavolata f'Qorti li ma teżistix. Huwa minnu illi l-atturi naqsu milli jżidu l-kelma "Maġistrati" fl-indikazzjoni tal-Qorti fejn ġiet ippreżentata din il-kawża. B'daqshekk pero' tali nuqqas żgur li ma ġab ebda preġudizzju lill-istess konvenuta, li wieġbet għall-kawża u ppartеċipat fiha mingħajr ebda diffikolta'. Tenut kont l-emendi fil-liġi li saru minn meta ġiet ippreżentata din il-kawża, u l-ġurispudenza reċenti kostanti li dejjem ippruvat kemm jista' jkun issalva kawża,[1] din l-eċċezzjoni qed tiġi minnufih respinta.

Niġu għalhekk għall-mertu. Permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u d-diviżjoni ta' l-assi provenjenti lilhom mill-ereditajiet ta' Salvu u Angela konjuġi Sultana. Salvu Sultana miet intestat fil-25 ta' Ottubru 1927,[2] u għalhekk wirtuh *ex lege* it-tmien uliedu: Coronato, Romano, Maria, Carmela Portelli, Pawlu, Joseph, Michele u Lucia Rosaria Grech. Martu Angela

---

[1] Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia : 4.12.1998 kollez. Vol. LXXXII.II.1311: Appell : Guido J. Vella A.CE vs Dr. Emanuel Cefai LL.D.: 4.11.1991 vol. LXXV.II.474 .
[2] Dok. H a fol. 18 .

mietet fl-14 ta' Settembru 1963,[3] u għamlet testment wieħed fil-21 ta' Marzu 1958,[4] li permezz tiegħu, apparti prelegat imħolli lil binha Michele, istitwiet lill-istess tmien uliedha bħala eredi universali tagħha.

Dan il-prelegat imħolli lil Michele Sultana "*a kont tal-kwota ereditarja lilu spettanti mill-wirt tat-testatriċi*" kien jikkonsisti fil-"*lok ta' djar li qiegħed fl-imsemmi Nadur, fi Triq San Giusepp numru tnejn u kollox imiss lvant triq, tramuntana beni ta' Speditu Said, punent beni ta' Pawlu Azzopardi, nofsinhar beni ta' Giusepp Azzopardi. Xħin issir li stima ta' dan il-bini m'għandhomx jidħlu fiha l-benefikati illi li stess Mikieli Sultana għadu kif tella' f'parti mill-art formanti parti mill-oġġett ta' dana il-legat a kont, b'dikjarazzjoni mit-testatriċi illi dawna il-benefikati ta' bini ġdid saru mill-istess Mikieli Sultana bil-kunsens pjen tal-istess testatriċi*." [5] Jidher għalhekk illi peress li ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni f'sens kuntrarju meta sar dan il-legat u ħadd ma allega xort'oħra, l-istess fond kien jappartjeni unikament lill-assi parafernali tat-testatriċi.

L-istess Mikieli Sultana miet qabel ma ġiet istitwita din il-kawża u wirtitu martu l-konventa Carmena Sultana, li għalhekk għandha tipperċepixxi dan il-prelegat minflok żewġha.

L-attur Pawlu Sultana miet intestat fil-mori tal-kawża, u għalhekk sehmu minn dawn l-ereditajiet jgħaddi *ex lege* a favur tas-sitt ħutu l-oħra jew l-eredi tagħhom skond il-każ, biex għalhekk illum il-fondi in diviżjoni jridu jinqasmu bejn seba' (7) ċippijiet.

Fil-mori tal-kawża wkoll mietu whud mill-kontendenti l-oħra, li llum ħadu posthom f'din il-kawża l-eredi rispettivi tagħhom kif jirriżulta mill-atti.

Il-pjan ta' qasma ppreparat mill-ewwel perit tekniku, ġie skartat bi qbil bejn il-kontendenti.

---

[3] Dok. I a fol. 19 .
[4] Dok.  J anness maċ-ċitazzjoni a fol. 20 – 23 .
[5] ara kopja tat-testment in atti Nutar G.Cauchi tal-21.3.1958 esebita bhala Dok.I a fol.21 - 22 tal-process .

Mir-rapport tat-tieni perit tekniku l-beni in diviżjoni rriżulta li huma s-segwenti:

1. id-dar nru. 99 Triq il-Knisja, Nadur, bil-mandretta magħha, stmata Lm40,000;

2. raba "tar-Ramla," Nadur, stmat: Lm 1000;
3. raba "ta' Wied Bingemma", Nadur, stmat : Lm 800;
4. raba "tal-Qortin I", Nadur, stmat Lm 30000;
5. raba "tal-Qortin II", Nadur, stmat: Lm 5000;
6. raba "tat-Tigrija", Nadur, stmat: Lm 500;
7. raba "tal-Maxokk", Nadur stmat: Lm 2000;
8. art ta' taħt il-post numru 1, Triq San Guzepp, Nadur, (formanti parti mill-prelegat imholli lil Mikieli Sultana), stmata: Lm25000;
9. dar numru 2, Triq San Guzepp, Nadur, (formanti parti wkoll mill-istess prelegat), stmata: Lm35000;
10. raba "tat-Torri I", Nadur, stmat: Lm 6000;
11. raba "tat-Torri II", Nadur, stmat: Lm 8000.

- b'valur totali dawn l-assi ta' : Lm153,300.

Ħlief għall-fondi fi Triq San Guzepp, in-Nadur, jidher illi dawn il-beni kienu kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjuġi Salvu u Angela Sultana.

Billi llum dawn l-assi in diviżjoni jridu jinqasmu bejn seba' (7) ċippijiet, jiġi li lil kull ċipp imissu: LM21,900.

Hmm qbil bejn il-kondividenti, illi peress li dawn il-beni ċertament mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant

persuni, dawn għandhom jingiebu ghall-bejgh bis-subbasta, biex imbagħad ir-rikavat jiġi perċepit minnhom, kulħadd skond sehmu, ħlief naturalment il-fondi milquta bil-prelegat imħolli lil Mikieli Sultana.

Peress li dan il-prelegat, konsistenti fid-dar numru 2, Triq San Guzepp bir-raba anness (illum mibni), kellu jkun akkont ta' sehmu, u dawn il-fondi ġew stmati b'valur ta' Lm60,000, jiġi li l-konvenuta Carmena Sultana għandha tagħmel ekwiparazzjoni lill-kondividenti l-oħra ta' Lm38,100. Billi pero' l-istess konvenuta sakemm din il-kawża tħalliet għas-sentenza kienet għadha ma ddikjaratx jekk tippreferix li anke dawn il-fondi ssir il-liċitazzjoni tagħhom u minflok tieħu sehmha fi flus ukoll, ser tingħata terminu perentorju f'din is-sentenza biex tiddikjara l-prefenza tagħha.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Carmena Sultana:

1. tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn Salvu u Angela konjuġi Sultana, u tiddikjaraha konsistenti fil-beni indikati bin-numri : 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 10 u 11 fil-lista tal-beni hawn fuq elenkata;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddividi dawn l-assi konjugali f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja porzjon kull wieħed lill-assi ereditarju ta' Salvu Sultana u dak ta' Angela Sultana;

3. tilqa' t-tielet talba u tiddikjara l-assi ereditarju ta' l-imsemmi Salvu Sultana konsistenti f'nofs il-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti fuq indikati;

4. tilqa' r-raba talba' ;

5. tilqa' l-ħames talba' u tiddikjara l-assi ereditarju ta' l-imsemmija Angela Sultana konsistenti f'nofs il-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti fuq indikati, flimkien mal-fond numru tnejn (2) Triq San Guzepp, Nadur, u l-art ta' taħt il-fond numru wieħed (1) fl-istess triq;

6. tilqa' s-sitt talba';

7. billi hemm qbil bejn il-kontendenti li l-fondi in diviżjoni, u ċioe' dawk elenkati fin-numri : 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 9, 10 u 11 fil-lista tal-beni hawn fuq indikati, għandhom jinġiebu in liċitazzjoni, tordna l-bejgħ bis-subbasta ta' l-istess beni, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estranei, sabiex imbagħad ir-rikavat jiġgi percipit minnhom, kulhadd skond is-sehem rispettiv tieghu;

8. il-konvenuta Carmena Sultana qed tingħata żmien tliet (3) xhur minn din is-sentenza sabiex tiddikjara permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawża jekk tippreferix illi ġġib għas-subbasta wkoll il-fondi fi Triq San Guzepp, in-Nadur, prelegati lil żewġha bit-testment ta' ommu Angela Sultana, biex imbagħad hija wkoll taqsam mal-kondividenti l-oħra r-rikavat minn dan il-bejgħ, jew inkella li lesta żżomm l-istess fondi akkont ta' sehemha, b'dana li tirrifondi s-somma ta' Lm38,100 lill-assi ereditarji biex jinqasmu mill-kondividenti, kulħadd skond sehmu. F'każ biss li ssir din it-tieni għażla, qed tinnomina lin-Nutar Dottor Enzo Dimech sabiex jippubblika l-att opportun ta' immissjoni fil-pussess ta' dan il-prelegat a favur tal-konvenuta Carmena Sultana, nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2010 fl-uffiċċju tiegħu fil-5.00 p.m., u lill-avukat Dottor Samuel Azzopardi għall-eventwali kontumaċi.

L-ispejjeż tal-kawża, billi din hija waħda ta' diviżjoni ta' beni ereditarji, għandhom jiġu sopportati bejn il-kontendenti, kulħadd skond sehmu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------